Poeżiji ta'

ETHEL PICKARD

# Kuntrast

Fejn dari kont tilmaħ ħamrija,
il-lum hemm siment u konkrit.
Iġġarrfu l-ħitan tas-sejjieħ
u nibtu il-vilel
bl-irħam u l-madum
u tbiegħed l-agħjat tal-bejjiegħ
fl-isqaqien u l-widien.
Minn flok kannizzati
jitkabbru fuq bjutna
dawk l-arbli għoljin
juruna fi djarna
kemm saru għorrief il-bnedmin.
Iż-żwiemel inbidlu f'karrozzi
li jtellqu fuq tarmac sħun, sħun
u jsakkru s-sewwieqa
bid-demm li jgelgel mill-vini.

U ż-żgħażagħ ferħana, daħkana
inbidlu f'oħrajn li jgergru
li dejjem xewqana,
qatt m'huma xebgħana.

Fejn dari irħula, l-imħabba, is-sliem,
illum hemm l-ibliet
hemm il-ġlied.